**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 12 ta' Gunju 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Kathleen Zerafa)**

**vs**

**Harvin Vassallo**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Harvin Vassallo ta' 31 sena iben Carmelo u Mirima (Maria) xebba Brown, imwieled Pieta nhar id-9 ta' Lulju 1989, resident gewwa 38, Flat 1, Sqaq it-Torri Bormla u detentur tal-karta tal-identita Maltija numru 319589M

Akkuzat talli fix-xahar ta' Gunju 2019 u fil-gimghat u xhur ta' wara f'dawn il-gzejjer:

1. Approprja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, maghmul fuq haga fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba kariga jew servizz tieghu, li jammonta ghal aktar minn hamest elef (€5,000) ghad-dannu ta' Joseph Galea u/jew persuni ohra

2. B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' haddiehor u dan ghad-dannu ta' Joseph Galea u/jew persuni ohra

3. Ghamel xi qliegh iehor b'qerq mhux imsemmi fl-Artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu (Sub-titolu III Fuq il-Frodi) ghad-dannu ta' Joseph Galea u/jew persuni ohra.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mil-ligi, tordna lill-akkuzat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tordna direttiva li tobbliga lill-hati li jirrestitwixxi lill-parti offiza kull haga minnu misruqa jew akkwistata bi qliegh iehor kontra l-ligi jew permezz tar-reat li dwar u jkun gie misjbu hati.

2. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

3. Rat li fis-seduta tat-12 ta' Gunju 2023 l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u li l-ufficjal prosekutur iddikjarat li t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat huma alternattivi ghall-ewwel imputazzjoni ta' misapproprazzjoni.

4. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu hija ta' seba' snin prigunerija u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex jara jekk iridx jirrevedi l-pozizzjoni tieghu.

5. Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed sabiex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u l-imputati wiegeb fl-affermattiv.

Mistoqsi mill-Qorti jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu, l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

6. Semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet dwar il-piena.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

7. Fuq ammissjoni tieghu stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tieghu. Ghalkemm l-imputat ammetta wkoll ghat-tieni u t-tielet imputazzjoni dedotti kontra tieghu, kif iddikjarat ukoll il-Prosekuzzjoni, dawn iz-zewg imputazzjonijiet ta' truffa u frodi innominata huma alternattivi ghall-ewwel imputazzjoni ta' misapproprjazzjoni, u ghalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha.

8. Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-iktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u ghalhekk ma heliex il-hin u r-rizorsi ta' din il-Qorti u tal-forzi tal-ordni.

9. Mill-fedina penali jirrizulta li l-imputat ghandu erba' (4) kundanni minn dawn il-Qrati, inkluz wahda fl-2020 ghal misappropropjazzjoni.

10. Fit-trattazzjoni orali, d-difiza qalet li l-imputat lest li jhallas lura l-ammont misapproprijat ta' sebat elef u sitt mija u ghoxrin Euro (€7,620) lill-parti offiza, ragel anzjan ta' disa' u tmenin (89) sena.

**Konkluzjoni**

9. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

(1) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni u t-tielet imputazzjoni dedotti kontra l-imputat.

(2) Wara li rat l-Artikoli 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tieghu u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sentejn, li fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(3) Ai termini ta' l-Artikolu 28(H) tal-Kapitolu 9, il-Qorti qieghda tordna lill-hati, ihallas is-somma ta' sebat elef sitt mija u ghoxrin Euro (€7620) lil Joseph Galea, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28H(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' elf u tlett mitt Euro (€1,300), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mit-13 ta' Lulju 2023, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih.

(4) Ai termini ta' l-Artikoli 28A(4) u 28H(7) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha, u cioe f'kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv, u/jew jekk jonqos li jhallas lill-parti offiza l-ammont fuq preskritt fiz-zmien stipulat hawn fuq.

10. Il-Qorti tordna li fi zmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**